# TAGħRIF ŻGħIR

## FUQ KLIEM LI JIXXIEBAH FIL-GħAMLA JEW FIT-TIFSIR

I.

Għandna d-drawwa fil-Malti li xi drabi fit-taħdit inqiegħdu ma' ġenb xulxin żewġ kelmiet ta' għamla waħda, ta' ħoss wieħed, li qishom kelma waħda ntennija. Hekk tisma' min igħid: *ħallata ballata*, *ħorrox borrox*, *ċallas ballas*, *qixx u mixx*, *bil-għaraq u x-xeraq*. (1) Imma x'inkunu rridu nfissru, x'lewn, x'bixla, x'għamla nkunu rridu nâtu lill-ħsieb tagħna b'din il-għaqda ta' kliem li jixxiebah?

Wara 'li flejt u għarbilt ħafna qwiel maltin ta' din il-għamla u qabbilthom ma' qwiel bħalhom ta' ilsna oħra, nista' ngħid:

1. L-ewwelnett din il-għaqda ta' kliem iżżid *qawwa* lill-ħsieb li rridu nfissru. Meta ngħidu: *kienu n-nies ħallata ballata*, u *kienu n-nies imħalltin* jew *taħlita waħda*, inkunu qegħdin ingħidu ħaġa waħda u nfissru ħsieb wieħed; iżda ta' l-ewwel għandha saħħa aqwa minn ta' l-oħrajn. Hekk ukoll meta ngħidu: *f'dik il-laqgħa kien hemm il-qixx u l-mixx kollu*, inqunu qegħdin ingħidu xi ħaġa aqwa milli ngħidu: *kien hemm nies minn l-agħar; taqla' x'tiekol bil-għaraq u x-xeraq* aqwa milli tgħid: *taqla' x'tiekol bil-għaraq ta' ġbinek*, jew *b'xogħol iebes*.

2. Barra min din il-*qawwa* li nâtu lill-ħsieb tagħna b'dir-rabta ta' kliem, inkunu qegħdin ukoll inbiddlulu kemm xejn il-bixla tiegħu, u niksrulu kemm kemm lewnu. U dil-bidla ta' bixla, u dil-kisra ta' lewn flok ma tkattar, tkabbar u tgħolli ġieh il-ħsieb li rridu nfissru, aktarx tnaqqsu, iċċekknu u, biex ingħid hekk, tkerrhu. Hekk *ħallata ballata* tfisser mhux biss *taħlita*, imma *taħlita kif ġie ġie*, *mhux kif*

(1) Din mhix drawwa tal-Maltin jew tas-Semin biss; tinsab fl-ilsna arjani wkoll, hekk bl-ingliż igħidu: *hodge podge*, *hurry scurry;* bit-taljan *nudo e crudo*, bil-franċiż *pêle mêle;* bil-ġermaniż *wirr warr*. U bil-għarbi *ħill mill* taqbel fil-ħoss u fit-tifsir ma' *ħallat ballat*.*

[* Din il-għamla ta' kliem imżewweġ li jixxiebah fil-ħoss (b'desinenza waħda) tissejjaħ *Paranomasia (similiter desinens)*. Barra dawn hemm oħrajn li għandhom għamla li tixxiebah, li jaqblu jew ma jaqblux fit-tifsir, ta' nisel wieħed jew ta' nisel barrani. Fuq dawn SAJDUN bagħtilna wkoll studju żgħir imma ta' reqqa kbira li għandu jidher fil-għadd li ġej. Dawn ukoll imorru taħt l-isem ta' *Paranomasia*. (N. TAD-DIREZ:).]

*għandha tkun* (miscuglio disordinato); *ċallas ballas* tfisser *ċappas kif ġie ġie, tebba' u ħammeġ; qixx u mixx* tfisser mhux biss *nies bla fejda*, imma *l-agħar nies, il-karfa.* (2).

Mela t-tieni kelma, marbuta kifinhi ma' ta' qabilha, ma għandhiex tifsira għaliha, iżda miżjuda biss biex tqawwi *(senso enfatico)* u bosta drabi biex tnaqqas *(senso peggiorativo)* il-ħsieb li rridu nfissru.

Minn kull ma għidna nistgħu nifhmu aħjar xi kliem lhudi li nsibuh fil-Kotba Mqaddsa. Sewwa sew fil-bidu, huwa u jitħaddet Mosê fuq ħolqien id-dinja, naqraw: *ħalaq Alla s-sema u l-art; u kienet l-art* **tohu u bohu**. X'ifissru dawn iż-żewġ kelmiet? Il-għorrief bejn wieħed u ieħor fehmuhom li d-dinja ma kenitx għâdha msawra kif narawha il-lum, ma kenitx imgħammra, kienet għerja u ħiergħa minn kollox. Imma dan mhux kollox; ried Mosê jgħidilna li is-sema u l-art, jiġifieri, dak li minnu ssawru s-sema u l-art, is-sema bil-kwiekeb u l-art bl-ibħra, ma kenux magħżulin minn xulxin u mqassmin kif narawhom il-lum; l-art ma kenitx għâdha mżejna bis-siġar u mgħammra bil-bhejjem u bin-nies, imma kollox kien għadu mħawwad u mħallat flimkien taħlita waħda. Ma nistgħux infissru bil-Malti l-ħsieb ta' Mosê aħjar minn hekk: *kienet l-art ħallata ballata.* U il-profeta Ġeremija wkoll (4.23) xħin ġieb quddiem għajnejh l-art tiegħu mħarbta minn l-egħdewwa, li jkissru, iġarrfu, jaħarqu u jeqirdu kull ma jsibu, qal li saret l-art **tohu u bohu**, jiġifieri, kif għandna nfissru aħna, *ħorrox borrox.*

Fil-Kotba Mqaddsa nsibu wkoll dawn il-kelmiet: *bniedem* **għasur u għażub**. Tħâbtu mhux ftit il-għorrief biex jaraw x'ifissru dawn il-kelmiet; u min qal ħaġa u min qal oħra. Xi wħud fissruhom: *il-lsir u s-sid;* oħrajn *il-kbir u ż-żgħir*; oħrajn: *il-miżżewweġ u il-għażeb;* oħrajn: *l-imniġġes u s-safi*; jiġifieri kollha fissru l-kelma l-waħda bil-maqlub ta' seħbitha. Iżda jekk inħarsu lejhom fid-dawl tal-qwiel maltin, it-tifsira tagħhom tidhrilna safja daqs l-ilma.

Iż-żewġ kelmiet għandu jkollhom tifsir li jixxiebah, u, marbutin flimkien, ikattru l-qawwa u jbiddlu kemm xejn it-tifsir tagħhom; għalhekk din hi l-aħjar tifsira: *bniedem maħqur bla ħadd min igħinu* (3).

**Sajdun.**

(2) Fis-Sorija meta jrid xi ħadd jaqlâlek il-ġebbieda tiegħek u jsemmilek lil niesek bi tmaqdir, igħidlek: *aslek u faslek.*

(3) Għalkemm għadda minn triq oħra, f'dit-tifsira wkoll wasal P. Jouon, *Notes de Lexicographie Hebraique*; Beyrouth 1910 faċċ. 9-11.